**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, is-27 ta' Mejju 2024

Każ Numru: 753/2021

**IL-PULIZIJA**

**Vs**

**Ramzi Mawlud Amara Omar**

(Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 121013 (A))

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, Ramzi Mawlud Amara Omar, iben Mawlud u Fatima nee' Sagri, imwieled il-Libja, nhar it-12 ta' Lulju 1982, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 121013 (A) u residenti 'Orion Court', Flat 5A, Triq it-Tamar, Qawra talli fl-1 ta' Ġunju 2018 għal ħabta tal-05.30 ta' filgħodu ġewwa Triq Mikiel Anton Vassalli, Msida:

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħek, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunajt il-mewt ta' Zoran Pavlovic;
2. Għamel jew ta dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz;

3. Sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddiehor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta' tagħrif falz;

Filwaqt li l-Pulizija Eżekuttiva esebiet il-permess ta' residenza u l-fedina penali talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skond il-liġi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali li ta' l-kunsens tiegħu sabiex il-każ tal-imputat jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2022, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2022, l-imputat iddikjara li ma għandux aktar provi xi jressaq.

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri permezz ta' liema proċedura ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta.

Rat li fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2023 il-prosekuzzjoni iddikjarat li qed teżenta lill-Qorti kif preseduta mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi prodotti.

Rat li fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2023 l-imputat iddikjara li qed jeżenta lill-Qorti kif preseduta mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi prodotti.

Rat ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti.

Semgħet s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **PS 1033 Sandro Mangion** xehed li fl-ewwel ta' Ġunju 2018 għal xi sitta neqsin ħamsa ta' filgħodu seħħ inċident ġewwa Triq Mikiel Anton Vassalli bejn karozza u rota.

Ix-xhud flimkien mal-kollegi marru fuq il-post fejn hemmhekk seta' jinnota vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BCE 156 li taħtha kellha mwaħħla rota. Fuq il-post kien hemm grupp tal-emerġenza tal-Isptar li bdew jagħtu ic-CPR lil midrub.

L-imputat kien qiegħed jibki u kien eċitat ħafna. Beda jgħid lix-xhud: 'qtiltu'. Ix-xhud beda jipprova jikkalmah. Ix-xhud sostna li lill-imputat ma kienx kelmu taħt caution.

It-Tobba infurmawh li l-midrub Zoran Pavlovic kien fil-periklu imminenti li jitlef ħajtu u fil-fatt wara li waslu bih l-isptar, Zoran Pavlovic miet.

Ix-xhud kien informa b'dan il-każ lill-Ispettur Mecieca li min-naħa tiegħu kien informa lil Maġistrat tal-Għassa u kienet saret inkjesta.

Ix-xhud sostna li l-impatt sar fil-korsija tan-nofs u dan jindika li għal xi raġuni r-rota kienet f'nofs tat-triq, pero mal-impatt imbagħad ir-rota u l-vettura spiċċaw fuq in-naħa ta' ġewwa tat-triq. Dak iż-żmien fit-Triq Dun Mikiel Anton Vassallo kien qiegħed isir xi xogħol pero l-korsiji kienu miftuħin b'mod normali.

Dakinhar tal-inċident kien bnazzi u ma kienx hemm maltemp. Il-karozza kellha l-ħsara b'mod partikolari fuq in-naħa tax-xellug tagħha u cjoe tal-passiġġier fil-bonnet, fis-saqaf u anke fil-windscreen.

Ix-xhud esebixxa ir-rapport tiegħu li ġie mmarkat DOK SM1.

2. **L-Ispettur Mark Anthony Mercieca** xehed li fl-1 ta' Ġunju 2018 għas-sitta nieqes kwart ta' filgħodu kien ġie infurmat li seħħ inċident ġewwa Triq Mikiel Anton Vassallo fejn kien hemm persuna maqbuda taħt vettura.

   Ix-xhud irrikorra fuq il-post fejn sab li ċ-ċiklist kien diġa jinsab l-isptar Mater Dei. Seta' jinnota Toyota Vitz b'numri BCE 156 u taħtha kien hemm rota. Il-vettura kellha ħsarat estensivi kemm mal-windscreen, mal-bonnet u anke fis-saqaf.

L-ispettur ikkonferma li l-vettura kienet qegħda tinstaq mill-imputat u jiftakar li kien kelmu u offrielu assistenza medika fejn huwa aċċetta u qabel ma mar l-isptar Mater Dei l-imputat kien infurmah li kien għadu kif spiċċa mix-xogħol u li huwa kien jaħdem ġewwa Paceville.

Lill-imputat kien sarlu test tal-breathaliser li mmarka f'0.00mg.

Ftit tal-ħin wara x-xhud kien infurmat li l-vittma Zoran Pavlovic kien miet, minħabba l-ġrieħi li kien ġarrab.

Ix-xhud sostna li l-imputat kien qallu li huwa kien ġej mid-direzzjoni ta' Paceville, quddiemu kien hemm karozza ta' lewn iswed, kif niżlu mill-flyover il-karozza ta' lewn iswed li kien qed isuq warajha bidlet il-lane f'qasir żmien u kif bidlet il-lane huwa sab ma wiċċu lil vittma bir-rota. L-imputat ipprova jiskansah iżda qabdu. Fil-fatt kien hemm xi marki tat-tkaxkir għal diversi metri sa x'ħin kważi daħal fuq il-lane ta' ġewwa. Ir-rota kienet taħt il-bumper, kien hemm daqqa fuq il-bonnet, il-windscreen kien mifqugħ, u s-saqaf kien maqrus l-isfel ukoll.

3. **L-Ispettur Jonathan Ransley** ikkonferma li l-kopja tad-dokument tar-residence permit tal-imputat kien għamilha hu.

4. **PC 1544 Luigi Cremona** ikkonferma li l-firma li tinsab fl-istqarrija tal-imputat hija tiegħu.

5. **L-avukat Dr Christopher Spiteri in rappreżentanza ta' Transport Malta** xehed li vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BCE 156 hija propjeta ta' Omar Mawlud Amara bil-karta tal-identita numru 121013A u li kienet ilha fuq ismu sa mis-6 ta' Marzu 2015. Ix-xhud sostna li l-liċenzja wkoll ilha mħallsa mis-sena 2015 u ġialadarba l-vettura kienet tinsab fuq isem l-imputat, sinjal li l-imputat kellu liċenzja.

6. **Dounia Borg** preżentat traduzzjoni li ġiet immarkata Dok DB1 ta' dokument li kien jinsab a fol 120 u liema kopja tiegħu ġiet anke anness mal-istess traduzzjoni.

7. **L-istqarrija tal-imputat rilaxxata minnu lill-Pulizija fit-28 ta' Frar 2021**, fejn huwa sostna li fl-1 ta' Ġunju 2018 huwa kien qiegħed isuq Toyota griża bin-numru tar-reġistrazzjoni BCE 156 fejn għal xi 6.30 ta' filgħodu kien nieżel minn fuq il-bridge, kien

hemm vettura sewda li kienet taxi. Fin-niżla tal-bridge, tat-taxi resaq fil-ġenb tan-naħa tal-lemin. F'daqqa waħda huwa ra xi ħaġa ġejja għal fuq il-karozza. Dak il-ħin huwa waqaf u xi ħadd Malti qallu li kellu raġel taħt il-karozza.

Sostna li r-raġel kien qiegħed isuq ir-rota fin-nofs ta' triq u x'ħin warrab tat-taxi, ir-rota b'dan ir-raġel ġiet fuqu. L-imputat sostna li huwa kien għaddej b'xi 70 kilometru.

Mistoqsi x'għandu xi jgħid rigward il-fatt li l-espert sostna li huwa kien għaddej bil-100 kilometru, l-imputat ċaħad u reġa sostna li huwa kien għaddej bis-70 kilometru.

Mistoqsi dwar x'għandu xi jgħid rigward il-fatt li l-espert sostna li l-liċenzja kienet iffalsifikata, l-imputat sostna li l-liċenzja kienet tal-Libja u li huwa seta' jsuq biha ġewwa Malta għal tnax il-xahar. Seta' jsuq biha għal erba' xhur oħra u li bl-istess liċenzja huwa kien applika għal insurance li ġiet aċċettata.

Sostna li fis-sena 2017 huwa kien bagħat id-dokumenti l-Libja u kellu lil xi ħadd li ġablu l-liċenzja minn hemm. Meta għadda ż-żmien huwa applika għal liċenzja Maltija u kienet ingħatatlu.

8. **Il-Process Verbal** li kien jinkludi:

i. **Ir-Relazzjoni tal-kuntistabbli 363 Caroline Meilak** fejn ħadet ħsieb ix-xogħol tal-fotografija u ġibdet total ta' sitta u sittin ritratt.

ii. **Ir-Relazzjoni tal-Professur M.T. Camilleri u Dr. S. Ali** li waslu għal konklużjoni li:

*"The cause of death of this middle aged male is certified as being due to multiple injuries following a motor vehicle accident".*

*iii.* **Ir-Relazzjoni tal-Perit Arkitett Nicholas Mallia** li wasal għal konklużjoni li:

*"Hi l-opinjoni tal-esponenti li Zoran Pavlovic kellu opportunita isuq ir-rota tiegħu fl-ewwel karreġġjata li kienet ferm inqas esposta għalih mit-tieni waħda fejn safa mtajjar, **għal din ir-raġuni hemm nuqqas ċar min-naħa tal-vittma**".*

*"Hi l-opinjoni ukoll tal-esponent li b'probabilita kbira ix-xufier tal-karozza BCE-156 kellu viswali tajba ta' Pavlovic qabel l-impatt pero xorta waħda laqtu b'veloċita elevata. Dan il-fatt jindika li l-veloċita li bih kien għaddej qabel l-impatt kien tali li ma ppermettiex il-waqfien tal-karozza biex jevita l-impatt u/jew kien distart fil-ħin ta' l-inċident.* ***Għal din ir-raġuni hemm nuqqas ċar min-naħa tax-xufier tal-karozza BCE-156****".*

iv. **Ir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku Mario Buttigieg** li fiha kkonkluda li minn dan l-inċident jirriżulta li l-imputat kien qed isuq il-vettura tiegħu b'veloċita ta' ftit aktar minn mitt (100kfs) kilo metru fis-siegħa.

Waqt li l-imputat kien għaddej b'veloċita b'saħħitha hu ma rax liċ-ċiklist bil-konsegwenza li baqa dieħel ġo fih (front to rear collision).

Mal-ħabta il-vittma tar, u b'ġismu ħabat mal-windshield is-saqaf bil-konsegwenza li ġarrab ferita gravi.

Jirriżulta li l-elmu ma kienx milbus jew inkella ma kienx maqful u dan għaliex l-istess elmu kien instab diversi metri bogħod minn fejn spiċċa l-vittma.

Illi skond ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Mario Buttigieg jidher li l-liċenzja tas-sewqn mhiex waħda valida u hija falsifikata. Il-Perit Tekniku wasal għal din il-konklużjoni għaliex meta staqsa lill-imputat jekk kellux liċenzja tas-sewqan, l-imputat ppreżentalu an International Driving Licence li l-Perit Tekniku jsostni *"Illi jidher li din il-liċenzja mhux awtentikata u l-ambaxxata Libjana ma toħroġx dawn it-tip ta' liċenzji".*

v. **Ir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku t-Tabib Dr Mario Scerri** li kkonkluda:

*"Illi Zoran Pavlovic kien qiegħed isuq ir-rota tiegħu fi Triq Reġjonali nhar l-1 ta' Ġunju 2018 fejn dan kien involut f'inċident"*

*"Illi riżultat ta' dan, kellu jiddaħħal b'emerġenza l-Isptar Mater Dei fejn għalkemm saret resuscitation, dan tilef ħajtu"*

*"Illi ma kienx hemm lezzjonijiet fuq il-kadavru ta' Zoran Pavlovic li dehru estranji Fgħall-inċident jew suspettużi"*

*"Illi l-kawża tal-mewt ta' Pavlovic kienet relatata direttament mat-trawma subita waqt l-inċident imsemmi"*

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, id-Difiża filwaqt li għamlet diversi kontro-eżamijiet lix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni għażlet li ma tressaq l-ebda xhud. L-imputat għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri **u dana hekk kif huwa kellu kull dritt li jagħmel.**

**<u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>**

1. **Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

   Illi huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

   Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

   Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

   Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

   Dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt":

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-Ewwel imputazzjoni:** *"Talli fl-1 ta' Ġunju 2018 għal ħabta tal-05.30 ta' filgħodu ġewwa Triq Mikiel Anton Vassalli, Msida: B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħek, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunajt il-mewt ta' Zoran Pavlovic;"*

L-imputat qiegħed jikkontesta li l-inċident ta' l-1 ta' Ġunju 2018 li fih miet Zoran Pavlovic ġara minħabba nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti da parti tiegħu u konsegwentament ikkaġuna l-mewt tal-istess Zoran Pavlovic.

Illi għalhekk il-Qorti jeħtieġ li tistabbilixxi jekk il-Prosekuzzjoni irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest fil-liġi u cjoe mingħajr dubju dettat mir-raġuni li l-inċident ta' l-1 ta' Ġunju 2018 seħħ minħabba nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tal-imputat, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti da parti tiegħu u konsegwentament ikkaġuna l-mewt ta' Zoran Pavlovic.

Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kevin Ciantar** deċiża fil-11 ta' Jannar 2024 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ngħad li:

*"Illi l-appellant Kevin Ciantar jinsab akkuzat b'akkuza wahda marbuta mal-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghall-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali, minghajr ma taghmel referenza ghall-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali u dan stante l-fatt li l-Artikolu 226 jaghmel referenza diretta ghall Artikolu 225. Dan l-ahhar Artikolu jistipula s-segwenti:*

*'225. (1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed*

*minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).'*

*"Inkwantu ghall-imputazzjonijiet migjuba, din il-Qorti se tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli, B.E &A., A&CE****:*

*"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju, skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragini ("negligenza"), jew ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita`, minn event dannus involontarju.*

*Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal-kondotta effetivament adoperata ma' dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal- "bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe` ili fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibbilita` normali; kriterju dan li, filwaqt li iservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh flistess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice gran liberta` di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27 p.46).*

*Issir riferenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Ludwig Micallef*** *li ghalkemm kien kaz li jirrigwarda incident stradali, l-principji hemmhekk enuncjati xorta jsibu applikazzjoni ghall-procediment odjern:*
*"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi lincident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament* ***jew almenu in parti****, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tarregolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.*

*Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probate. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.*

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu*

*jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.*

*Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.*

*L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.*

*In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.*

*L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid Manzini:- "L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".*
*Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.'*

*Il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa: "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

*Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable"*

*L-Antolisei, pero' imur oltre' mill-insenjament tal-Carrara u jqis illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas tal-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk levent dannuż ma kienx wieħed prevedibbli u dan għaliex l-osservanza ta 'dawn ir-regoli iwasslu sabiex l-event dannuz ma iseħħx: "Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."*

*Il-Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Mustafa Gohar*** *ghamlet referenza wkoll ghal dak li jghid Antolisei fir-rigward tal-culpa: 'Kif spjiega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem lessenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*Mantovani, Padovani u Fiandaca-Musco jibnu fuq ir-regola tal-Antolisei u jallaċjawha mar-regoli tal-prevedibbilita' u l-inevitibbilta' biex b'hekk il-culpa fil-fehma tagħhom tirrikjedi 1. in-nuqqas t'intenzjoni diretta, 2. rekwiżit oġġettiv li jikkonsisti fil-ksur ta' regola ta' kondotta; 3. rekwiżit suġġettiv, jiġifieri l-abbiltà li tosserva din ir-regola; 4. l-evitabbiltà tal-avveniment permezz tal-konformità ma 'din ir-regola u 5. prevedibbiltà u evitabbiltà, jiġifieri li s-suġġett kellu l-abbiltà jew ilpossibbiltà li jġib ruħu b'mod differenti.*

*Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament komposta fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta` Malta vs Francis Casaletto*** *ingħad illi:*

*"Skond id-dottrina l-intenzjoni hija indiretta meta l-event kien semplicement konsegwenza possibbli ta' l-actus reus, liema event jew ma kienx previst jew kien previst izda mhux mixtieq. Jekk tali event kien previst u minkejja dan l-actus reus kien mixtieq u volontarju allavolja l-konsegwenza ma kinitx mixtieqa, l-intenzjoni indiretta tissejjah posittiva. Jekk, mill-banda l-ohra, l-event possibbli ma kienx la mixtieq imma lanqas previst, l-intenzjoni indiretta tissejjah negattiva .... tammonta ghal negligenza jew casus."*

*Illi f'dan il-kuntest, din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti, ukoll kollegjalment komposta, tat-8 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Salvatore sive Salvu Gauci:***
*'Biex wiehed jara x'kienet l-intenzjoni, wiehed irid jara x'kienu l- fatti - l-att materjali li sar - kif ukoll ic-cirkostanzi li fih sehh dak l- att materjali. Wiehed irid jara x'arma intuzat, kif intuzat, 'il fejn giet indirizzata jew gew indirizzati d-daqqa jew id-daqqiet b'dik l- arma, x'diskors intqal sew qabel, waqt, kif ukoll wara li nghatat id- daqqa jew li nghataw id-daqqiet... Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva - jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att - u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja.'*

*Illi ghaldaqstant, din il-Qorti trid tezamina n-nuqqas ta 'previzjoni tal-effetti dannuzi tal-fattispeci in kwistjoni u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi u cioè jekk l-incident sehhx b'negligenza jew kienx purament incident u cioe' casus. Dan ghaliex fil-mankanza tal-prevedibilità, salv jekk mhux b'diligenza straordinarja, il-ligi ma tesigihx l-effetti dannuzi inkriminabbli, u ma tistax issib htija. In oltre, l-ezami ta' din il-Qorti jestendi ukoll ghal jekk il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaqx b'success u cioè jekk in-ness bejn l-allegat reat u l-imputat giex pruvat sodisfacentement."*

Fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija l-imputat sostna li fl-1 ta' Ġunju 2018 huwa kien qiegħed isuq Toyota griża bin-numru tar-reġistrazzjoni BCE 156 fejn għal xi 6.30 ta' filgħodu kien nieżel minn fuq il-bridge, kien hemm vettura sewda taxi u fin-niżla tal-bridge tat-taxi resaq fil-ġenb naħa tal-lemin. F'daqqa waħda huwa ra xi ħaġa ġejja għal fuq il-karozza. Dak il-ħin huwa waqaf u xi ħadd Malti qallu li kellu raġel taħt il-karozza. Sostna li r-raġel kien qiegħed isuq ir-rota fin-nofs tat-triq u x'ħin warrab tat-taxi, ir-rota b'dan ir-raġel ġiet fuqu. L-imputat sostna li huwa kien għaddej b'xi 70 kilometru. Mistoqsi x'għandu xi jgħid rigward il-fatt li l-espert sostna li huwa kien għaddej bil-100 kilometru, l-imputat ċaħad u reġa sostna li huwa kien għaddej bis-70 kilometru.

L-Ispettur Mark Anthony Mercieca xehed li fit-8 ta' Ġunju 2018 għas-sitta nieqes kwart ta' filgħodu kien ġie infurmat li seħħ inċident ġewwa Triq Mikiel Anton Vassallo fejn kien hemm persuna maqbuda taħt vettura. L-Ispettur Mercieca rrikorra fuq il-post fejn sab li ċ-ċiklist kien diġa jinsab l-isptar Mater Dei. Seta' jinnota Toyota vitz b'numri BCE 156 u taħtha kien hemm rota. Il-vettura kellha ħsarat estensivi kemm mal-windscreen, mal-bonnet u anke fis-saqaf. L-ispettur ikkonferma li l-vettura kienet qegħda tinstaq mill-imputat u jiftakar li kien kelmu u offrielu assistenza medika fejn huwa aċċetta u qabel ma mar l-isptar Mater Dei l-imputat kien infurmah li kien għadu kif spiċċa mix-xogħol u li huwa kien jaħdem ġewwa Paceville.

**Lill-imputat kien sarlu test tal-breathaliser li mmarka f'0.00mg.**

Ftit tal-ħin wara x-xhud kien infurmat li l-vittma Zoran Pavlovic kien miet, minħabba l-ġrieħi li kien ġarrab.

L-Ispettur Mercieca sostna li l-imputat kien stqarr miegħu li huwa kien ġej mid-direzzjoni ta' Paceville, quddiemu kien hemm karozza ta' lewn iswed, kif niżlu mill-flyover il-karozza ta' lewn iswed li kien qed isuq warajha bidlet il-lane f'qasir żmien u kif bidlet il-lane huwa sab ma wiċċu lil vittma bir-rota. L-imputat ipprova jiskansah iżda qabdu. Fil-fatt kien hemm xi marki tat-tkaxkir għal diversi metri sa x'ħin kważi daħal fuq il-lane ta' ġewwa. Ir-rota kienet taħt il-bumper, kien hemm daqqa fuq il-bonnet, il-windscreen kien mifqugħ u s-saqaf kien maqrus l-isfel ukoll.

Fir-Relazzjoni tiegħu, il-Perit Arkitett Nicholas Mallia wasal għal konklużjoni li:

*"Hi l-opinjoni tal-esponenti li Zoran Pavlovic* ***kellu opportunita isuq ir-rota tiegħu fl-ewwel karreġġjata li kienet ferm inqas esposta għalih mit-tieni waħda fejn safa mtajjar, għal din ir-raġuni hemm nuqqas ċar min-naħa tal-vittma****".*

***"Hi l-opinjoni ukoll tal-esponent li b'probabilita kbira ix-xufier tal-karozza BCE-156 kellu viswali tajba ta' Pavlovic qabel l-impatt pero xorta waħda laqtu b'veloċita elevata. Dan il-fatt jindika li l-veloċita li bih kien għaddej qabel l-impatt kien tali li ma ppermettiex il-waqfien tal-karozza biex jevita l-impatt u/jew kien distart fil-ħin ta' l-inċident. Għal din ir-raġuni hemm nuqqas ċar min-naħa tax-xufier tal-karozza BCE-156".***

Fir-Relazzjoni tiegħu tal-Perit Tekniku Mario Buttigieg kkonkluda li **minn dan l-inċident jirriżulta li l-imputat kien qed isuq il-vettura tiegħu b'veloċita ta' ftit aktar minn mitt (100kfs) kilo metru fis-siegħa. Waqt li l-imputat kien għaddej b'veloċita b'saħħitha hu ma rax liċ-ċiklist bil-konsegwenza li baqa dieħel ġo fih (front to rear collision).** Mal-ħabta il-vittma tar, u b'ġismu ħabat mal-windshield is-saqaf bil-konsegwenza li ġarrab ferita gravi. **Jirriżulta li l-elmu ma kienx milbus jew inkella ma kienx maqful u dan għaliex l-istess elmu kien instab diversi metri bogħod minn fejn spiċċa l-vittma.**

Din il-Qorti ssostni li mill-provi jirriżulta li l-vittma kellu opportunita isuq ir-rota tiegħu fl-ewwel karreġġjata li kienet ferm inqas esposta għalih mit-tieni waħda fejn safa mtajjar, kif ukoll illi l-vittma jew ma kienx libes l-elmu jew inkella l-istess elmu ma kienx maqful. Għalhekk ċertament li kien hemm nuqqas minn naħa tal-vittma.

Pero mill-provi jirriżulta wkoll li l-imputat kellu viswali tajba tal-vittma qabel l-impatt pero xorta waħda laqtu. Dan il-fatt jindika li l-veloċita li biha l-imputat kien għaddej qabel l-impatt kien tali li ma ppermettiex il-waqfien tal-karozza biex jevita l-impatt fil-ħin ta' l-

inċident. Fir-Relazzjoni tiegħu tal-Perit Tekniku Mario Buttigieg kkonkluda li l-imputat kien qed isuq il-vettura tiegħu b'veloċita ta' ftit aktar minn mitt (100kfs) kilo metru fis-siegħa. Għalhekk jirriżulta li waqt li l-imputat kien għaddej b'veloċita b'saħħitha hu ma rax liċ-ċiklist u cjoe lil vittma Zoran Pavolvic bil-konsegwenza li baqa dieħel ġo fih.

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Taliana**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-5 ta' Ottubru 2018 ingħad li:

*"Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 t' Ottubru 2012 fl-ismijiet: Il-Pulizija v Peter Stroud, il-Qorti ccitat dak illi qal Archbold fil-' Criminal Pleading, Evidence and Practice' :*

*"Where death results in consequence of a negligent act, it would seem that, to create criminal responsibility, the degree of negligence must be so gross as to amount to recklessness. . . Probably, of all the epithets that can be applied "reckless" most nearly covers the case ... but whatever epithet be used, and whether an epithet be used or not, in order to establish criminal responsibility, the facts must be such that . . . the negligence of the prisoner went beyond a matter of compensation between subjects and showed such disregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment..."*

*Illi huwa principju ben stabbilit li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm lhekk imsejjah "proper look out". Gie ritenut li:*

*"Hu dover ta' driver to see what is in plain view... u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout... Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one' s immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

***Illi l-istess Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li, "... biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta' penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x' aktarx kienet tigi evitata jew x' aktarx li ma kinitx issehh f' dak il-grad li effettivement sehhet..."***

*Illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghal dak li ntqal f' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tat-12 ta' Lulju, 2007 fil-kawza flismijiet 'Il-Pulizija vs Haiden Vella) u cioe':*

*Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim. Pol. vs. Joseph Vella - [10.8.1963] ) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla , [17.6.1961] ). "Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is*

*happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a builtup area, of the pavements on the side of the road as well." (Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd." [1968].”*

Illi fil-każ odjern irrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-liġi li l-imputat kien qed isuq b' velocita' aktar milli suppost għall-lokalita' in kwistjoni. Kif indikat aktar 'il fuq mir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Buttigieg jirrizulta li l-imputat kien qed isuq b' velocita ta' 100km/h. Illi għalhekk n-nuqqas ta' proper lookout da parti tal-imputat jikkonsisti fil-fatt li huwa naqas milli jara lill-vittma f'ħin tajjeb sabiex jevita milli jseħħ l-impatt għaliex kien għaddej b'veloċita eċċessiva.

Din il-Qorti ssostni li filwaqt li l-vittma seta' kien aktar prudenti billi saq ir-rota tiegħu fl-ewwel karreġġjata kif ukoll libes l-elmu madanakollu li kieku l-imputat ma kienx għaddej b'veloċita qawwija, saħansitra aktar milli tippermetti l-liġi, dan l-inċident seta' ġie evitat. Li kieku ma kienx għal dan in-nuqqas ta' proper look out da parti tal-imputat, l-inċident x' aktarx kien jigi evitat, jew x' aktarx ma kienx ikollu l-konsegwenzi serji li rriżultaw f'dan il-każ.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċendement ippruvata.**

3. **It-Tieni imputazzjoni: "***Talli fl-1 ta' Ġunju 2018 għal ħabta tal-05.30 ta' filgħodu ġewwa Triq Mikiel Anton Vassalli, Msida: Għamel jew ta dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz;"*

L-Artikolu 185 tal-Kodiċi Kriminali jistipula li:

*"185.(l) Bla ħsara tal-każijiet imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jekk uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, minħabbal-kariga jew l-impieg tiegħu, hu fid-dmir li jagħmel jew jagħtidikjarazzjoni jew ċertifikat, jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni falzajew ċertifikat falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin.*

*(2) Meta l-falsifikazzjoni ssir minn xi persuna li mhix uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż ta' awtorità, il-piena tkun ta'priġunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

Illi l-imputat jinsab akkużat bir-reat li huwa għamel jew ta' dikjarazzjoni falza. Din l-akkuża iddur mad-dokument mgħaruf bħala International Driving Licence, u dan għaliex fir-relazzjoni tiegħu, l-Perit Tekniku Mario Buttigieg isostni:

> *"Illi jidher li din il-liċenzja mhux awtentikata u l-ambaxxata Libjana ma toħroġx dawn it-tip ta' liċenzji".*

Illi fl-istqarrija tiegħu, meta l-imputat ġie mistoqsi dwar x'għandu xi jgħid dwar il-fatt li l-espert sostna li l-liċenzja kienet iffalsifikat, l-imputat sostna li l-liċenzja kienet tal-Libja u li huwa seta' jsuq biha ġewwa Malta għal tnax il-xahar. Seta' jsuq biha għal erba' xhur oħra u li bl-istess liċenzja huwa kien applika għal insurance li ġiet aċċettata. Sostna li fis-sena 2017 huwa kien bagħat id-dokumenti l-Libja u kellu lil xi ħadd li ġablu l-liċenzja minn hemm. Meta għadda iż-żmien huwa applika għal liċenzja Maltija u kienet ingħatatlu.

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Oswald Scicluna** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Marzu 2023 ngħad is-segwenti:

> *"Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-**best evidence rule**, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:*
> *Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda,li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*
>
> *Hu mistenni mill-partijiet li jkunu jridu jippruvaw il-każ tagħhom li jresqu l-aħjar prova disponibbli għalihom. Bħala regola, jekk jiġi b'xi mod muri li dik l-evidenza li tkun tresqet ma tkunx l-aħjar evidenza li l-parti li tipproduċiha kienet f'qagħda li tressaq, il-Qorti tkun trid tiskarta dik l-evidenza u ma tistrieħx fuqha. Din ir-regola hija intiża li tassikura li l-evidenza li titressaq tkun awtentika, veritjiera u b'saħħitha u mhux qarrieqa, kontraffatta jew dgħajfa. Għalhekk il-parti li trid tipprova fatt jew allegazzjoni trid tressaq evidenza li tkun l-aħjar evidenza li tista' tinġieb quddiem il-Qorti minn dik il-parti, u li jkun possibbli għal dik il-parti li tressaqha. Jekk dik l-evidenza tkun teżisti u disponibbli allura dik il-parti hija obbligata li tressaq dik l-evidenza u ebda evidenza oħra. Dik il-parti tkun tista'*

*biss tressaq quddiem il-Qorti evidenza oħra, li ma tkunx l-aħjar evidenza biss meta l-aħjar evidenza ma tkunx tista' tinġieb minn dik il-parti. Fi ftit kliem din ir-regola teskludi evidenza ta' kwalita inferjuri meta evidenza ta' kwalita superjuri tkun disponibbli; u tippermetti evidenza ta' kwalita inferjuri biss meta l-evidenza ta' kwalita superjuri ma tkunx disponibbli.*

*F'dan is-sens allura din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sens li qieset bħala prova l-kontenut tax-xiehda tal-PL Tanti bħala l-konferma tal-kwalita tal-appellant bħala direttur tal-kumpanija Pilastri Construction.* ***Ma taqbilx mhux għax dan ix-xhud ma kienx veritjier jew kredibbli*** *f'dak li qal li semgħahom jgħidulu; iżda minħabba l-fatt li:*

*(a) l-aħjar prova tal-fatt jekk l-appellant kienx direttur tal-kumpanija Pilastri Construction kienet waħda dokumentarja meħuda mir-reġistri tal-Malta Business Registry – senjatament estratt mir-reġistru ta' dik il-kumpanija miżmum mill-Malta Business Registry debitament konfermat mir-rappreżentant tal-Malta Business Registry; u peress li*
*(b) dak li semgħa lill-Uffiċjali tal-Malta Business Registry jgħidulu wara verifiki mis-"sistemi" tal-Malta Business Registry jista' jitqies bħala prova ta' dak li l-PL Tanti semgħa lil dawn in-nies jgħidulu, iżda mhux prova dwar il-veraċita, awtentiċita u preċiżjoni tal-kontenut ta' dak li dawn l-Uffiċjali li baqgħu anonimi stqarrew miegħu."*

Illi f'dan il-każ, il-Qorti ssostni li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx l-aqwa prova. Il-Qorti ssostni li l-Prosekuzzjoni messha almenu ressqet bħala xhud rappreżentat tal-Ambaxxata Libjana f'Malta sabiex jikkonferma jekk l-Ambaxxata Libjana toħroġx dawn it-tip ta' liċenzji u mhux straħet biss fuq ir-rapport tal-perit tekniku Mario Buttigieg fejn sostna li '*l-ambaxxata Libjana ma toħroġx dawn it-tip ta' liċenzji'*.

**Din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mill-liġi din l-imputazzjoni u għalhekk ma hijiex se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.**

4. **It-Tielet imputazzjoni: "***Talli fl-1 ta' Ġunju 2018 għal ħabta tal-05.30 ta' filgħodu ġewwa Triq Mikiel Anton Vassalli, Msida: Sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta' tagħrif falz;"*

L-Artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali jgħid:

*"188.(1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta'xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.*

*(2) Meta d-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wieħed intiż għal xi awtorità pubblika, il-piena għandha tkun dikta' priġunerija li ma tkunx iżjed minn sena jew multa."*

Fis-sentenza **il-Pulizija vs Carmelo Antonio sive Charles Bianco** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-15 ta' April 2024 ingħad li:

*"Analiżi tal-artikoli preċedenti tal-liġi fil-Kapitolu 9 dwar il-falsifikazzjoni turi li dan ir-reat m'huwiex wieħed li jinvolvi alterazzjoni materjali ta' dokument, iżda jirrikjedi falsità ideoloġika. Reat taħt dan l-artikolu jeħtieġ li* ***d-dokument jibqa' ġenwin****, anke meta l-intervent malizzjuz fuqu tkun avverat ruħha. Id-dokument ikompli jgħid il-verità dwaru nnifsu, iżda l-attur xjentement ikun għamel dikjarazzjonijiet foloz, jew ta nformazzjoni falza fid-dokument, b' tali mod li d-dokument ikun fih gideb, dikjarazzjonijiet foloz, jew informazzjoni falza. Id-delitt ikkontemplat taħt l-artikolu 188 għalhekk mhuwiex wieħed li jikkonċerna falsità materjali, iżda għandu x'jaqsam ma' falsità ideoloġika."*

Illi f'din l-akkuża kollox idur ma dokument tal-International Driving Licence. Fir-relazzjoni tiegħu, l-Perit Tekniku Mario Buttigieg isostni:

*"Illi jidher li din il-liċenzja mhux awtentikata u l-ambaxxata Libjana ma toħroġx dawn it-tip ta' liċenzji".*

Il-Qorti ssostni li jekk l-ambaxxata Libjana ma toħroġx dawn it-tip ta' liċenzja allura d-dokument huwa falz u ċertament li ma huwiex ġenwin.

**Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mill-liġi din l-imputazzjoni u għalhekk ma hijiex ha ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.**

**B. Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-piena li għandha tiġi inflitta. Dan kien inċident serju li fih mietet persuna, inċident li seta' ġie evitat li kieku l-imputat ma kienx għaddej b'veloċita eċċessiva.
Il-Qorti tirrikonoxxi li l-imputat sarlu t-test tal-breathaliser li mmarka 0.00mg, biss xorta jibqa l-fatt li seħħ dan l-inċident, bil-konsegewenzi serji tiegħu.

Il-Qorti madanakollu sejra tieħu konsiderazzjoni ukoll tal-fatt li skont ma jirriżulta mir-relazzjoni tal-Perit Arkitett Nicholas Mallia, l-vittma *Zoran Pavlovic* kellu opportunita isuq ir-rota tiegħu fl-ewwel karreġġjata li kienet ferm inqas esposta għalih mit-tieni waħda fejn safa mtajjar**.** Bl-istess mod mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Mario Buttigieg jirriżulta li l-vittma jew ma kienx libes l-elmu jew inkella jekk libsu, l-istess elmu ma kienx maqful. Dawn il-fatturi jwasslu għal konklużjoni li **kien hemm ukoll nuqqas ċar min-naħa tal-vittma**

Fit-Trattazzjoni Finali tagħha, l-Prosekuzzjoni sostniet li fir-rigward ta' piena f'każ ta' ħtija, l-imputat għandu jiġi kkundannat multa għaliex dan kien każ sfortunat.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-iskop tal-piena ma għandux ikun wieħed ta' tpattija. Il-piena ma għandhiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjeta' fil-konfront tal-ħati. Pero il-piena għandha diversi skopijiet fosthom li jiġi ripristinat it-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil ta' dak li jkun.

Wara li l-Qorti kkunsidrat li f'dan l-inċident kien hemm nuqqas minn naħa tal-vittma wkoll, li l-imputat għandu fedina penali netta, li l-imputat ma huwiex persuna ta' kondotta vjolenti jew li għandu bżonn xi tip ta' riforma fil-karattru tiegħu u li dan kien każ sfortunat, l-Qorti jidhrilha li ma għandhiex tinfliġġi piena ta' priġunerija u minflok se tkun qegħda tikkundanna lill imputat għal-multa.

**C. Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Ramzi Mawlud Amara Omad detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 121013 (A) ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u tat-tielet (3)

imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u minnhom tilliberah u wara li rat l-artikoli 185, 188 u 225 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputat Ramzi Mawlud Amara Omad detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 121013 (A) ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal multa ta' għaxar t'elef ewro (€10,000).

Għall-finijiet tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li dan il-ħlas isir permezz ta' rati mensili ta' tlett mitt Ewro (€300) kull xahar, bl-aħħar pagament ikun tal-bilanċ rimanenti, b'dan illi jekk ma jsirx ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u jekk il-multa ma titħallasx puntwalment tinbidel fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata għal kull ħamsa u tletin euro (€35) u dan skond l-artikolu 11(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-aħħar nett bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tordna lill-ħati jħallas l-ammont ta' elfejn, sitt mija u tmienja u tmenin ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmi (€2,688.22c) rappreżentanti spejjez peritali. F'każ li tali ammont jew parti minnu ma jitħallasx għandu jiġi konvertit fi priġunerija ai termini tal-liġi.

**Onor. Dr. Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**